Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Nru: 300/15/1

**Leanne Busuttil**

**vs**

**Carmel Busuttil**

14 ta' Jannar 2019.

1. **Din hija kawża għall-ħlas tas-sehem allegatament dovut lill-attriċi mill-introjtu tal-kera tal-proprjeta` li għandha in komuni mal-konvenut.**

2. Fir-rikors promutur tagħha tas-7 ta' Ottubru 2015 ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha:

*"...s-somma ta' euro 10,990 jew somma oħra verjuri, rappreżentanti sehem l-attriċi mill-introjtu tal-kera ta' żewġ fondi 161 u 163, Triq il-Kulleġġ, Rabat, proprjetajiet indiviżi appartenenti lill-kontendenti kif ser jirriżulta. Bl-ispejjeż u bl-imgħax sal-ħlas effettiv…."*

3. Fir-risposta tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2015 il-konvenut wieġeb li t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li:

*"xejn m'hu dovut peress illi l-introjtu mill-kirjiet wara li tħallas is-self dovut lill-banek kummerċjali dejjem inqasam ugwalment bejn il-kontendenti kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża."*

4. Fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talbiet tal-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €10,990 (eżatt kif mitlub minnha) bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.

5. Fid-19 ta' Ġunju 2018 il-konvenut appella mis-sentenza. Huwa jilmenta li l-ewwel qorti għamlet l-apprezzament "*żbaljat, skorrett, u superfiċjali tal-provi*". Jaċċenna għall-fatt li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti la jipprovdi kif għandhom isiru l-ħlasijiet lura tas-self bankarju u lanqas kif għandu jinqasam l-introjtu mill-kirjiet tal-proprjeta` li baqgħu iżommu in komuni. Huwa jiċċita s-segwenti bran mis-sentenza appellata u jargumenta li tali motivazzjoni tal-ewwel qorti ma ssib l-ebda konfort fil-provi akkwiżiti:

> *"Dan il-kuntratt ma jagħti l-ebda jedd lill-intimat illi jiddeċiedi waħdu x' jagħmel b'sehem martu mill-imsemmija kirjiet anzi għall-kuntrarju jobbliga lill-intimat illi jagħti nofs il-kera lir-rikorrenti. Għalhekk l-intimat ma setax unilateralment u mingħajr ma jikkonsulta ma' martu, jiddepożita sehmha bħala parti mill-ħlas tas-self u lilha ma jgħaddilha xejn, aktar u aktar meta l-istess kuntratt ipoġġi fuq ir-rikorrenti l-obbligu li tħallas (recte: titħallas) sehmha mis-self iżda dan fid-dritt tagħha u mhux tramite żewġha li minnu kienet qed tissepara."*

6. Il-konvenut semma l-fatt li ma jirriżulta l-ebda obbligu fil-kuntratt ta' separazzjoni li kull parti tħallas separatament nofs il-self u tipperċepixxi separatament nofs l-introjtu tal-kirjiet. Jenfasizza li huma żammew kollox "*fl-istess basket*" u jargumenta illi ladarba d-dħul kien użufruwit biex jitħallas id-debitu "*fl-istess basket*", l-ewwel qorti ma setgħetx raġjonevolment u loġikament tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kwalunkwe każ jaċċenna għall-fatt li mid-dokumenti prodotti jirriżulta li l-introjtu mill-proprjeta` in komuni għall-perjodu reklamat kien ta' €8,900 u għalhekk fl-agħar ipotesi għalih seta biss jiġi kkundannat iħallas €4,450 u mhux €10,990.

7. <u>Fis-27 ta' Ġunju 2018</u> l-attriċi wieġbet biex tgħid li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud u s-sentenza tal-ewwel qorti kkonfermata fl-intier tagħha. Tenfasizza li s-self li hi u hu ħadu mill-bank m'għandu x'jaqsam xejn ma' dawn il-proċeduri għaliex fil-kuntratt tas-separazzjoni qatt ma ftehmu li l-introjtu mill-kera kellu jmur għall-pagament tas-self bankarju. Tenfasizza wkoll li hija qatt ma awtorizzat lill-konvenut appellant joħdilha s-sehem tagħha mill-kera. Mingħajr preġudizzju għal tali argumenti tagħha, tgħid illi hija diġa rriduċiet il-pretenzjoni tagħha fil-kawża b'mod li jiġi rifless il-ħlas tas-self.

**<u>Provi:</u>**

***(a) <u>Kuntratt ta' separazzjoni (Dok LB1)[1]:</u>***

8. Il-kontendenti isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Novembru 2009 pubblikat min-nutar Sandra Farrugia.

9. Il-klawżola numru 12 tal-kuntratt ta' separazzjoni tipprovdi hekk:

> *"Il-komparenti konjuġi Busuttil qed jifthemu illi s-segwenti debiti u proprjeta` immobbli ser jinżammu in komun:*
>
> *(a)* ***Is-self li hemm mal-bank kummerċjali ossija l-Bank HSBC****;*
> *(b) omissis*
> *(c)* ***Fond bin-numru mija wieħed u sittin (161) u mija u tlieta u sittin (163) ġia numru tlieta u sebgħin (73) u ħanut sottostanti, liema fondi jinsabu fi Triq il-Kulleġġ, ir-Rabat (Malta) kif aħjar deskritt f' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Vincent Miceli datat ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (2007) preżenjalment mikrija lil terzi****…..*

***(b) <u>Verżjoni tal-attriċi fir-rigward tal-introjtu mill-kirjiet tal-proprjeta` li għandha in komuni mal-konvenut:</u>***

10. Fix-xiehda tagħha tat-13 ta' Jannar 2016[2] l-attriċi tilmenta li minn, *"a couple of years back my husband decided not give me my share of the rentals"*. Hija spjegat li mill-introjtu tal-kera tal-proprjeta` li għandha in komun mal-konvenut is-sehem tagħha (ta' ½) jammonta għal €505 (€105 mill-appartament, u €400 mill-ħanut), u li minn tali ammont il-konvenut kien iżomm €175 bħala s-sehem mensili dovut minnha lill-bank fir-rigward tas-self bankarju, b' dan li s-sehem rimanenti tagħha kull xahar kien ikun €300/ €330.

> *"****The defendant used to take €175 from these payments per month as my share to pay bank monthly instalment*** *so effectively my share was about €300/€330 monthly.* ***The last time I received any payment from the defendant was December 2012****. I did not communicate verbally with the defendant because I cannot do so, however I make sure he gets the message that I was not receiving the money, and I asked why I wasn't receiving the money, his*

[1] Dok LB1, fol 14, et seq.
[2] Fol 11 et seq.

*reply was that I (recte: it) was our children's money and that he will be depositing my share at the bank on their name. My children are still minors, one is 12 and the other is 14. In the contract of separation there was nothing stipulated regarding these properties, that they would belong to our chidren, we left the said properties on our names in co-ownership. I am exhibiting a prospect of the money which is due to me since the defendant stopped paying me, I must however say that this prospect is based on the original rent since I have come to know that the rent for the apartment has now gone up, oriġinally it was €210 per month and now it has gone up to €300 per month. The lessee of the apartment is Roderick Muscat; regarding the shop I must say that at the moment it is closed but I am informed that the lessee is still paying half the rent due."*

11. L-imsemmi prospett (Dok LB2)[3], intitolat "*Lease for 161/163 College Street, Rabat, **less** repayments of loan*" huwa rendikont ta' kif l-attriċi waslet għall-ammont ta' €10,990 mitlub minnha permezz ta' dawn il-proċeduri:

| 2013 | | 2014 | | 2015 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Jan | € 330 | Jan | € 330 | Jan | € 330 |
| Feb | € 300 | Feb | € 300 | Feb | € 300 |
| Mar | € 330 | Mar | € 330 | Mar | € 330 |
| Apr | € 315 | Apr | € 315 | Apr | € 315 |
| May | € 330 | May | € 330 | May | € 330 |
| Jun | € 320 | Jun | € 320 | Jun | € 320 |
| Jul | € 330 | Jul | € 330 | Jul | € 330 |
| Aug | € 325 | Aug | € 325 | Aug | € 325 |
| Sep | € 320 | Sep | € 320 | Sep | € 320 |
| Oct | € 330 | Oct | € 330 | Oct | € 330 |
| Nov | € 320 | Nov | € 320 | | |
| Dec | € 330 | Dec | € 330 | | |
| **Total** | **€3880** | **Total** | **€3880** | **Total** | **€3230** |

12. L-attriċi ippreżentat ukoll kopja tal-ftehim ta' kera fir-rigward tal-fond 73, Triq il-Kulleġġ, Rabat (Dok X)[4] li sar bejn il-kontendenti u Roderick Muscat. Dan huwa datat 14 ta' Awwissu 2003 iżda l-kera bdiet fl-1 ta' Settembru 2003. Il-post inkera għal perjodu ta' sitt snin u xahar. Bħala ammont ta' kera, ġie stipulat hekk:

"*The rent payable is of five hundred Maltese liri (Lm500) per month. However from the 1st September 2003 up to the 31st August 2004 the rent will be eighty Malta Liri (**Lm80**)[5] per month; from the 1st September 2004 up to the 31st September 2006 the rent will be eighty five Malta Liri (**Lm85**)[6]; from the 1st September 2006 up to*

[3] Dok LB2, fol 26.
[4] Dok X, fol 34 *et seq*.
[5] ekwivalenti għal €186.40.
[6] ekwivalenti għal €198.05.

*the 31st August 2008 the rent will be ninety Malta Liri (**Lm90**)[7] per month, from the 1st September 2008 up to the 31st August 2009 the rent will be ninety-five Malta Liri (**Lm95**)[8] and for the remaining period of one month the rent will be specified of Lm500 per month."*

13. L-inkwilin Roderick Muscat xehed fit-13 ta' Lulju 2016[9]. Spjega li għalkemm il-kuntratt ta' kera Dok X skada fl-2009, minn dakinhar 'l hawn kienu saru żewġ kuntratti oħra. Qal li jiftakar li l-ewwel kirja kienet fl-ammont ta' Lm80 fix-xahar u li din kienet togħla. Fiż-żmien tax-xiehda tiegħu qal li kien "*qed inħallas 300 euro fix-xahar*", u semma li qabel kien iħallas €250, €200, €180. Qal ukoll li il-kera dejjem jiġborha l-konvenut.

## *(c) Verżjoni tal-konvenut fir-rigward tal-introjtu mill-kirjiet tal-proprjeta` li għandu in komuni mal-attriċi:*

14. Il-konvenut Carmel Busuttil fl-affidavit tiegħu[10] xehed illi l-fond numru 161 huwa l-ħanut filwaqt li l-fond 163 huwa post. Isostni li:

> "…***l-ftehim mal-mara kien li mill-kera inħallsu lura s-self li konna ħadna peress li dan is-self kien ittieħed sabiex akkwistajna l-proprjeta` fuq imsemmija u naqsmu bejnietna dak li jifdal mill-kera***. (enfasi ta' din il-qorti)
>
> *Ngħid li dana s-self kien b'rata kummerċjali peress li ma kienx ittieħed biex nixtru dar biex nabitaw fiha. Fil-mument li ffirmajna s-separazzjoni d-debitu mal-Bank kien jammonta għal €54,805. Illum l-ammont li fadal huwa ta' cirka €28,000.*
>
> *Ngħid li l-mara qatt ma ħallset xejn mill-pagamenti lura ta' dan is-self, kont u għadni nħallsu jien mill-kirjiet li kienu jidħlu, kif ukoll noħroġ il-flus minn tiegħi meta ma kienx ikun hemm biżżejjed.*
>
> *Ngħid li kif jirriżulta mill-prospett tal-bank HSBC, fil-perjodu li l-mara qed titlob nofs il-ħlasijiet tal-kera, ossija minn Jannar 2013 sa Settembru 2015 jiena ħallast lill-bank f' dana s-self €19,211 (kif jidher mill-prospett tal-bank u tabella li jiena għamilt Dok CB).*
>
> *Ngħid li l-ħanut l-aħħar li kien mikri kien bl-ammont ta' €780 fix-xahar u l-aħħar darba li kien mikri kien f' April 2014 lil ċertu wieħed Vincent Darmanin. Dana kif jidher mill-irċevuti tal-ħlas tal-kera hawn anness (Dok CBH). Minn dak iż-żmien 'l hawn dana l-ħanut ma rnexxilix nikrih u bħal ma taf il-mara tiegħi dan dejjem magħluq. Kien ipprova wieħed, għamel ġimgħa u telaq. Għalhekk fil-perjodu tal-kawża ma daħħalna xejn mill-kera ta' dan il-ħanut.*

[7] ekwivalenti għal €209.70.
[8] ekwivalenti għal €221.35.
[9] Fol 31 *et seq*.
[10] Affidavit fol 43 *et seq*.

*Kwantu għall-fond 163, dana minn qabel ma sseparajna sa llum kien u għadu mikri lil ċertu Roderick Micallef. Dana sa Frar 2015 kien mikri €250 fix-xahar u f' Marzu tax-xahar ta' wara kont għollejtlu l-kera għal €300 fix-xahar. Dana bħal ma jidher mill-kopji tal-irċevuti hawn annessa (Dok CBF).*

*Ngħid illi għalhekk għall-perjodu li għalih il-mara qed titlob nofs il-kera aħna daħħalna mill-kirjiet, ossija minn Jannar 2013 sa Settembru 2015, l-ammont ta' €8,900.*

*Ngħid li minn dan l-ammont lanqas jiena ma ħadt xejn, tfajt kollox il-bank biex naqta s-self li hemm f' isimna t-tnejn u kif jidher jiena ħriġt aktar flus minn dak li daħħalna mill-kirjiet għaliex filwaqt li mill-kirjiet daħħalna €8,900 ħallast lura fis-self €19,211. Għalhekk jidher biċ-ċar li jiena ħriġt minn flusi €10,311 biex naqta s-self li hemm f' isimna t-tnejn. Għalhekk jiena għandi nieħu mingħand il-mara l-ammont ta' €5,155.*

*Ngħid li jiena dan kollu għidtulha jew bgħattilha risposta mat-tfal li għandhom 16 u 14 imma ma tridx tisma.*

*Ngħid ukoll li jiena ħallas għall-manutenzjoni tal-faċċata tal-fond li nikru u lill-mara qatt ma tlabtha xejn."*

15. Din il-qorti eżaminat il-fuq imsemmija dokumenti:

- L-istatement tal-HSBC rigwardanti l-*loan account*[11] ikopri l-perjodu mill-11 ta' Lulju 2007, meta l-bilanċ dovut lill-bank kien Lm30,000 (ekwivalenti għal €69,900) sat-12 ta' Ottubru 2015, meta l-bilanċ kien ta' €30,428.35. (Dan wara li jkunu tnaqqsu l-imgħaxijiet u l-assikurazzjoni tal-proprjeta` mill-ammont imħallas).

- It-"tabella" li pprepara l-konvenut (Dok CB)[12], hija elenku tal-pagamenti li huwa għamel lill-bank bejn it-12 ta' Jannar 2013 u t-12 ta' Settembru 2015, ammontanti għal €19,212.72[13]. Jekk wieħed iqis ukoll il-pagament ta' €350.53 li għamel lill-bank fit-12 ta' Ottubru 2015, jiġi li għall-perjodu mertu ta' din il-kawża (Jannar 2013 sa Ottubru 2015) ħallas total ta' **€19,563.25.**

- Dok CBH[14] huwa ktieb tal-kera tal-inkwilin V. Darmanin fir-rigward tal-

[11] Fol 45 *et seq*.
[12] Dok CB, fol 69.
[13] Din il-qorti vverifikat li l-ammonti kollha elenkati fit-tabella fil-fatt jammontaw għal €19,212.72.
[14] Dok CBH, fol 70 *et seq*.

ħanut u jkopri l-perjodu minn Lulju 2007 sa April 2014[15], għalkemm jidher li hemm xi paġni neqsin. Madanakollu jidher li minn qabel Jannar 2013 il-kera kienet ta' €26 kuljum u baqgħet hekk sa April 2014, u għalhekk jiġi li minn Jannar 2013 sa April 2014, cioe' sena u erba' xhur, jew 485 jum, l-introjtu kien ta' **€12,536**[16]. Dan skont l-imsemmi dokument. Pero' l-konvenut ma spjegax għalfejn fix-xahar ta' April, 2014 tissemma s-somma ta' €706 u mhux €806. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq dak li suppost tħallas bħala kera matul dak ix-xahar, ċjoe' €806. Għalhekk total ta' €12,610.

- Minn dak li xehed il-konvenut, wara April 2014 ma baqax jikri l-ħanut. Prova li ma ġietx megħluba mill-attriċi b'xi prova konvinċenti.

- Dok CBF[17] hu sensiela ta' riċevuti tal-kera fir-rigward tal-post mikri lil Roderick Muscat għall-perjodu Novembru 2013 sa April 2015. Minn tali riċevuti jirriżulta li minn Novembru 2013 sa Frar 2015 il-kirja kienet ta' €250 fix-xahar, imbagħad minn Marzu 2015 għoliet għal €300 fix-xahar.

  M'hemmx riċevuti tal-kera għall-perjodu Jannar 2013 sa Ottubru 2013, u lanqas ma ġie ppreżentat il-kuntratt ta' kera li jkopri tali perjodu, iżda probabbilment matul dak iż-żmien il-kera kienet ta' €250 (dan anke meta wieħed iqis li skont l-ewwel kuntratt tal-kera li huwa esebit fl-atti, fl-2009 il-kera kienet ta' €221.35). F'kull każ m'hemmx indikazzjoni li l-kera kienet iktar minn hekk.

  Lanqas m'hemm riċevuti tal-kera għall-perjodu minn Mejju 2015 sa Ottubru 2015 iżda kif anke jirriżulta mix-xiehda tal-inkwilin stess matul dak il-perjodu il-post kien għadu qed jinkera għal €300 fix-xahar.

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, matul il-perjodu in kwistjoni (Jannar

[15] wara tali data il-paġna hija vojta u ma tniżżlet l-ebda entratura oħra.
[16] It-total ta' 485 jum jiġi €12,610 (485 x €26).
[17] Dok CBF, fol 74 et seq.

2013 sa Ottubru 2015), din il-qorti tikkonkludi li l-konvenut ġabar **<u>€8,900</u>**[18] bħala kera mingħand l-inkwilin Roderick Muscat. Fil-fatt il-konvenut fix-xiehda tiegħu isostni li ġabar preċiżament dik is-somma.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

17. Il-kuntratt ta' separazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009 ma jipprovdix li l-pagamenti mensili rigward is-self tal-bank kellhom jitħallsu mill-introjtu tal-kirjiet tal-proprjeta` komuni bejn il-kontendenti.

18. Madanakollu mill-prospett li ppreżentat l-attriċi stess jirriżulta li qegħda taqbel li mill-kera għandha titnaqqas sehemha mill-pagamenti li l-konvenut għamel għad-dejn li għad għandhom mal-bank. Tant hu hekk li fil-prospett li ppreparat jingħad, *"Less repayments of loan"*. Fatt rilevanti li hu evidenti li sfuġġa lill-ewwel qorti.

19. Il-konvenut xehed li l-pagamenti lill-bank fir-rigward tas-self bankarju dejjem ħallashom hu, u dan "*mill-kirjiet li kienu jidħlu kif ukoll noħroġ il-flus minn tiegħi meta ma kienx ikun hemm biżżejjed.*" L-attriċi xehdet x'kien is-sehem tagħha ta' kera mill-appartament u ħanut, u *"The defendant used to take €175 from these payments per month as my share to pay bank monthly instalment so effectively my share was about €300/€330 monthly"*. Kliem li għall-qorti jista' jfisser biss li kien hemm kunsens, jekk mhux espress kien taċitu, li mill-kera li jdaħħal il-konvenut iħallas il-pagamenti tad-dejn lil HSBC.

20. L-ewwel qorti naqset b'mod lampanti milli tikkunsidra dawk il-provi. F'kull każ, ladarba rriżulta li l-konvenut kien qiegħed iħallas dejn li kien ukoll tal-attriċi, l-ewwel qorti kellha tieħu dan in konsiderazzjoni. L-ewwel qorti qalet li l-kuntratt "*jobbliga lill-intimat illi jagħti nofs il-kera lir-rikorrenti*" u li "*l-intimat ma setax unilateralment u mingħajr ma jikkonsulta ma' martu, jiddepożita sehmha bħala parti mill-ħlas tas-self….*" Kellu raġun il-konvenut jilmenta li l-

[18] Jannar 2013 - Frar 2015: €250 fix-xahar x 26 = €6500.
Marzu 2015 - Ottubru 2015: €300 fix-xahar x 8 = €2400.

ewwel qorti għamlet apprezzament "*żbaljat, skorrett, u superfiċjali tal-provi*". *Multo magis* meta għaddiet biex tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €10,990 mingħajr ma vverifikat jekk il-kalkoli tal-attriċi humiex sostanzjati mill-provi.

21. Issa mill-*istatement* bankarju fuq imsemmi, jirriżulta li l-pagamenti mensili li saru lill-bank mhux dejjem kienu jsiru fl-istess ammont, u dan <u>kemm qabel</u> is-separazzjoni <u>kif ukoll wara</u>. Għalkemm ir-rata stabbilita mill-bank li titħallas kull 12 tax-xahar jidher varjat tul is-snin (€405.05/ €428.65 /€350.53) <u>saru diversi pagamenti oħra oltre tali rata stabbilita</u>. Hekk per eżempju: fit-18 ta' Settembru 2008 tħallset is-somma ta' <u>€3000</u>; fil-5 ta' Novembru 2008 tħallset is-somma ta' <u>€1000</u>; fil-5 ta' Frar 2013 tħallset is-somma ta' <u>€1000</u>; fis-6 ta' Novembru 2014 tħallset is-somma ta' <u>€2400</u>.

22. <u>Ma jirriżultax li l-ftehim verbali bejn il-partijiet (li l-pagamenti tal-bank jitħallsu mill-introjtu tal-kirjiet u li l-bilanċ li jifdal jinqasam bejn il-kontendenti) kien fis-sens li l-pagamenti mensili li jsiru lill-bank kellhom ikunu limitati għall-minimu rikjest mill-bank, u li l-konvenut ma kellux jagħmel pagamenti ulterjuri.</u> F'kull każ l-attriċi xorta qegħda tieħu benefiċċju għaliex iktar ma jsiru pagamenti iktar jonqos id-dejn li għand flimkien mal-konvenut.

23. L-attriċi permezz ta' dawn il-proċeduri qed titlob lill-konvenut iħallasha s-somma ta' <u>**€10,990**</u> rappreżentanti l-bilanċ li allegatament jifdal mill-introjtu tal-kirjiet wara l-ħlas tal-pagamenti lill-bank <u>**għall-perjodu Jannar 2013 sa Ottubru 2015**</u>.

24. Kif fuq spjegat jirriżulta li f'tali perjodu l-introjtu mill-kirjiet tal-fondi kien ta' <u>€21,510</u> u jirriżulta wkoll li l-konvenut ħallas lill-bank is-somma totali ta' <u>€19,563.24</u>. **Ifisser għalhekk li f'dan il-perjodu kien fadal bilanċ ta' €1,946.76 mill-kera li ġabar l-appellant**. Minn dan l-ammont is-sehem dovut lill-attriċi hu n-nofs, ċjoe' <u>**€973.38.**</u> Għaldaqstant, dak hu l-ammont li għandha dritt għalih l-appellata.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi limitatament għas-somma ta' disa' mija tlieta u sebgħin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€973.38), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-kawża.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu fil-porzjon ta' 90% a karigu tal-attriċi u 10% a karigu tal-konvenut.**